31996R2193

16.11.1996 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 293/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) No 2193/96

tal-15ta' Novembru 1996

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2131/93 li jistabbilixxi l-proċedura u l-kondizzjonijiet għall-bejgħ taċ-ċereali miżmuma mill-aġenziji ta' l-intervent.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 923/96 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2131/93 ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 120/94 ([4]), jistabbilixxi l-proċedura u l-kondizzjonijiet għall-bejgħ taċ-ċereali miżmuma mill-aġenziji ta' l-intervent;

Billi fl-Istati Membri li m'għandhomx portijiet, l-appaltaturi taċ-ċereali maħruġa għall-bejgħ jiġu ppenalizzati bi spejjeż ogħla ta' trasport; billi, bħala riżultat ta' dawn l-ispejjeż addizzjonali, ikun aktar diffiċli li dawk iċ-ċereali jiġu esportati minn dawk l-Istati Membri, liema fatt jirriżulta b' mod partikolari f'magazzinaġġ itwal ta' intervent, u spejjeż addizzjonali għall-*budget* tal-Komunità; billi għandha għalhekk issir disposizzjoni għall-possibiltà li f'ċerti każi jiġu ffinanzjati l-ispejjeż tat-trasport l-aktar baxxi bejn il-post tal-ħażna u l-post tal-ħruġ biex dawk l-offerti jkunu komparabbli; billi l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2131/93 għandu għalhekk jiġi adattat fir-rigward ta' l-ispejjeż tat-trasport;

Billi l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87 tas-27 ta' Novembru 1987 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta'prodotti agrikoli ([5]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1384/95 ([6]), jistabbilixxi regoli dettaljati rigward il-prova tat-temma tal-formalitajiet doganali għar-rilaxx għall-konsum; billi l-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2131/93 jistabbilixxi disposizzjonijiet li bihom il-garanzija li tkopri d-differenza bejn il-prezz imħallas u l-prezz li għandu jiġi applikat waqt ir-rivendita fis-suq tal-Komunità tista' tiġi rilaxxata meta ssir l-esportazzjoni bil-baħar; billi l-istess disposizzjonijiet huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1501/95 ([7]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 95/96 ([8]), f'dak li jirrigwarda l-ħlas tar-rifużjonijiet iffissati bis-sejħiet għall-offerti, biex tiġi evitata l-komplikazzjoni tal-parti l-kbira ta' l-esportazzjoni tal-Komunità mal-ħtieġa ta' prova tal-wasla fid-destinazzjoni;

Billi s-sitwazzjoni li tirrigwarda l-esportazzjoni taċ-ċereali ta' l-intervent hija l-istess bħal dik li teżisti għall-esportazzjoni ta' ċereali mis-suq ħieles; billi, sabiex minħabba l-uniformità u l-konsistenza, l-istess sistema għandha għalhekk tiġi applikata f'dak li jirrigwarda l-ħlas ta' rifużjonijiet iżda unikament fil-każi meta r-rifużjoni bejn l-iŻvizzera jew il-Liechtenstein u pajjiżi terzi oħra tkun differenti jew meta l-appaltatur jiffissa r-rifużjoni ta' l-aktar *standard* baxx bil-quddiem; billi r-Regolament (KEE) Nru 2131/93 għandu għalhekk jiġi emendat;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Amministrazzjoni taċ-Ċereali,

([1]) ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.
([2]) ĠU L 126, ta' l-24.5.1996, p. 37.
([3]) ĠU L 191, tal-31.7.1993, p. 76.
([4]) ĠU L 21, tas-26.1.1994, p. 1.
([5]) ĠU L 351, ta' l-14.12.1987, p. 1.
([6]) ĠU L 134, ta' l-20.6.1995, p. 14.
([7]) ĠU L 147, tat-30.6.1995, p. 7.
([8]) ĠU L 18, ta' l-24.1.1996, p. 10.

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2131/93 qiegħed b' hekk jiġi emendat kif ġej:

1. il-paragrafu li ġej għandu jiżdied ma'l-Artikolu 7:
   "2a. Iżda, meta l-Istati Membri ma jkollhomx portijiet, jistgħu jsiru disposizzjonijiet għal deroga mill-paragrafu preċedenti biex jiġu ffinanzjati l-ispejjeż l-aktar baxxi tat-trasport bejn il-post tal-ħażna u l-post tal-ħruġ";
2) l-Artikolu 17a li ġej jiġi mddaħħal:

"*Artikolu 17a*

Minkejja l-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87 u meta:

— ir-rifużjoni applikabbli fil-jum tat-tressiq ta' l-offerti għall-iŻvizzera jew għal-Liechtenstein tkun differenti minn dik ta' pajjiżi terzi oħra,

— dak li jirbaħ l-offerta jkun iffissa bil-quddiem ir-rifużjoni ta' l-i*standard* l-aktar baxx ħlief dak li jgħodd għall-iŻvizzera jew għal-Liechtenstein;

il-prova tat-temma tal-formalitajiet doganali għar-rilaxx għall-konsum m'għandhiex tkun meħtieġa għar-rifużjoni sakemm l-operatur ikun ta prova li ta' lanqas 1 500 tunellata metrika ta' prodotti ta' ċereali tkun ħalliet it-territorju doganali tal-Komunità fuq bastiment tal-baħar.

Dik il-prova għandha tingħata permezz tad-dikjarazzjoni li ġejja, iċċertifikata mill-awtorità kompetenti, fuq il-kopja tal-kontroll imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87, id-dokument uniku amministrattiv jew id-dokument nazzjonali li jkun jipprova li l-oġġetti jkunu telqu mit-territorju doganali tal-Komunità:

Exportación de cereales por vía marítima; artículo 17 bis del Reglamento (CEE) n.º 2131/93

Eksport af korn ad søvejen — Artikel 17a i forordning (EØF) nr. 2131/93

Ausfuhr von Getreide auf dem Seeweg —Verordnung (EWG) Nr. 2131/93 Artikel 17a

Η εξαγωγή των σιτηρών διά αλασσίας οδού — Κανονισμός (ΕΟΚ) αρι. 2131/93, άρρο 17α

Export of cereals by sea — Article 17a of Regulation (EEC) No 2131/93

Exportation de céréales par voie maritime — Règlement (CEE) n.º 2131/93, l-Artikolu 17 bis

Esportazione di cereali per via marittima — Regolamento (CEE) n. 2131/93, articolo 17 bis

Uitvoer van graan over zee — Verordening (EEG) nr. 2131/93, artikel 17 bis

Exportação de cereais por via marítima — Artigo 17!!! error character !!! B!!! error character !!! ΊA, Regulamento (CEE) n.º 2131/93

Viljan vienti meriteitse — Asetus (ETY) N:o 2131/93 17a artikla

Export av spanmål sjövägen — artikel 17a i förordning (EEG) nr 2131/93."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħ fit-tielet jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Novembru 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni